

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

tiddikjara u tiddeċiedi li,

- id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-affiljazzjoni ta' żewġ ir-rikorreni mal-Iskema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard (RCAM), hija annullata;
- il-Kummissjoni hija kkundannata għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorreni tinwoka motiv uniku, ibbażat fuq l-illegalità tal-Artikolu 13 tar-Regoli komuni dwar l-assigurazzjoni għar-riskji ta' mard tal-uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, sa fejn dan l-artikolu jkser l-Artikolu 72 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea peress li jirrestrinġi l-portata tiegħu.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ottubru 2018 – E.J. Papadopoulos vs EUIPO – Europastry (fripan VIENNOISERIE CAPRICE Pur Beurre)

(Kawża T-628/18)

(2018/C 455/41)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorreni: Viomichania mpiskoton kai eidon diatrofis E.J. Papadopoulos S.A. (Moschato-Tavros, il-Greċja) (rappreżentanti: C. Chrysanthis, P.-V. Chardalia u A. Vasilogamvrou, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Europastry, SA (Sant Cugat del Vallès, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: l-applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea "fripan VIENNOISERIE CAPRICE Pur Beurre" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 13 125 265

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' Awwissu 2018 fil-Każ R 493/2018-5

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO u lil Europastry, SA, f'każ li din tintervjeni, għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009.
-